MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2011

Rikors Generali Numru. 35/2011

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ A B fejn dan, ghar-ragunijiet hemm premessi, talab lil din il-Qorti:

Tawtorizzah isiefer lil bintu minuri G B lejn l-Italja mis-16 ta’ Awissu 2011 sat-30 ta’ Awissu 2011 sabiex tkun tista’ tassisti u tippartecipa bhala *bridesmaid* fit-tieg tieghu ma’ E F b’dawk il-kondizzjonijiet kollha li jidhrilha xieraq;

Tawtorizzah japplika u jottjeni l-hrug ta’ passaport ghal bintu minuri G B, liema passaport ikun miftuh ghas-safar lejn l-Italja ghall-perjodi msemmija.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta ta’ C D li, ghar-ragunijiet minnha elenkati u spjegati, opponiet ghat-talbiet ta’ rikorrenti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Gunju 2011 li permezz tieghu, ir-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f’dawn il-proceduri huma genituri tal-minuri G, ta’ tmien snin. Il-genituri qatt ma kienu mizzewgin u l-kura u kustodja tal-minuri, flimkien mal-access huma regolati permezz ta’ sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta datata 15 ta’ Ottubru 2008 (132/08 JA). Issa r-rikorrenti, permezz ta’ dawn il-proceduri, qed jitlob l-awtorizazzjoni biex isiefer lil bintu minuri sabiex din tkun prezenti ghat-tieg tieghu.

Il-kwistjoni ta’ safar kienet giet konsidrata u deciza fil-proceduri fuq imsemmija u permezz ta’ dik is-sentenza, giet michuda t-talba tar-rikorrenti biex ikun jista’ jsiefer ma’ bintu minuri.

Din il-Qorti kif presjeduta, illum tqis li ma ngabu lill-Qorti ebda prova ta’ xi tibdil sostanzjali fic-cirkostanzi li jwassalha biex tiddipartixxi sostanzjalment minn dik id-decizjoni. Madanakollu, il-Qorti ma tistax tinjora r-realta’ li qed tghix u ser tibqa’ tghix il-minuri. Kif diga’ kellha okkazjonijiet tghid din il-Qorti kif presjeduta (“**Lara Cassar vs Oliver Bonanno**”, deciza fit-28 ta’ Gunju 2011) huwa dritt ta’ kull minuri li jkollu relazzjoni maz-zewg genituri. Konsegwentement, huwa dmir sagrosant ta’ kull genitur li jaghti sehemu biex ir-relazzjoni mal-genitur l-iehor tkun b’sahhitha. L-interess tal-minuri jirrikjedi dan.

Fic-cirkostanzi tal-kaz in ezami, fejn il-missier ser jibni familja ma’ mara li m’hijiex omm il-minuri u li diga’ taf li ser issir omm ta’ huha jew ohtha jirrikjedu konsiderazzjoni partikolari. Huwa, fil-fehma tal-Qorti, essenzjali li l-minuri G thossha parti ewlenija minn din il-familja ukoll. Fid-dawl ta’ dan kollu, il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tkun prezenti ghat-tieg ta’ missierha ma’ E F, bis-segwenti modalitajiet.

<u>Modalitajiet</u>

Il-minuri G ghandha tigi akkumpanjata fl-Italja minn ommha C D. Ghandha tkun prezenti fil-belt ta’ Verona mit-23 ta’ Awissu 2011 sas-27 ta’ Awissu 2011. F’dawk il-granet ghandha tkun ma’ missierha kuljum mill-10.00am sad-9.00pm. il-minuri ghandha torqod kuljum ma’ ommha. L-ispejjez tal-vjagg u akkomodazzjoni tal-omm, liema akkomodazzjoni ghandha tintghazel mill-istess omm, ghandhom jithallsu minn C D filwaqt li l-ispejjez tal-vjagg u akkomodazzjoni tal-minuri ghandhom jithallsu minn A B.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tordna li l-minuri G B ghandha tittiehed Verona l-Italja minn ommha mit-23 ta’ Awissu 2011 sas-27 ta’ Awissu 2011. Il-Qorti qieghda minn issa tawtorizza l-hrug ta’ passaport ghall-minuri li jkun validu ghall-Italja biss ghad-dati mill-20 ta’ Awissu 2011 sat-30 ta’ Awissu 2011. waqt li tkun fl-Italja ghandhom jigu segwiti l-modalitajiet kollha elenkati aktar ‘il fuq fil-paragrafu intitolat “Modalitajiet”, bl-ispejjez tal-vjagg maqsuma kif spjegat fl-istess paragrafu.

L-ispejjez ta’ din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------